# JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| **Form 3** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

ISEM: ______________________________________________ KLASSI:_________

______________________________________________________________________

**L-EWWEL SEZZJONI:** **(40 marka)**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet**

1. X'irridu nagħmlu biex immorru l-ġenna?

_______________________________________________________ (2 marki)

2. It-Testment il-Qadim isemmi mill-inqas tliet premjijiet għal min jirrispetta 'l ommu u 'l missieru. Ikteb tnejn minnhom.

_______________________________________________________

_______________________________________________________

_______________________________________________________

_______________________________________________________ (4 marki)

1. Għaliex aħna ma nistgħux nimxu biss fuq il-ġibdiet u l-istinti li nħossu?

_______________________________________________________ (2 marki)

4. Agħti żewġ kwalitajiet ta' ħbiberija vera.

_______________________________________________________

_______________________________________________________ (2 marki)

5. Għaliex huwa ħażin li wieħed imur għand is-saħħar biex ikun jaf il-futur?

_______________________________________________________

_______________________________________________________ (4 marki)

6. Semmi żewġ bnadi minn fejn jistgħu jiġu t-tentazzjonijiet.

_______________________________________________________

_______________________________________________________ (2 marki)

7. X'insejħullha l-ġrajja ta' meta Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni fuq muntanja għolja u tbiddel quddiemhom?

_______________________________________________________ (2 marki)

8. Ikteb żewġ tentazzjonijiet li kellu Ġesù fid-deżert.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (4 marki)

9. X’inhi l-kuxjenza?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (4 marki)

10. Kompli din it-tweġiba li Ġesù ta lix-xitan għal waħda mit-tentazzjonijiet li kellu fid-deżert: “Lill-Mulej Alla tiegħek, għandek tadura…

______________________________________________________ (2 marki)

11. Kompli din is-sentenza mill-Ġenesi dwar il-ħolqien tar-raġel u l-mara. “U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu, fuq xbihet Alla ħalqu, …

______________________________________________________ (2 marki)

12. Xi tfisser li raġel u mara għandhom l-istess dinjità?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

13. X’inhuma l-preġudizzji?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

14. Meta jista’ wieħed jieħu ġurament?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

15. Għaliex id-dagħa hu ħażin?

______________________________________________________ (2 marki)

16. Għaliex għandek tgħin lill-proxxmu?

______________________________________________________ (2 marki)

**IT-TIENI SEZZJONI:** **(10 marki)**

**Qabbel dawn is-siltiet billi tniżżel in-numru fejn suppost**

| | | |
|---|---|---|
| 1. L-ulied għandhom jagħtu ġieħ u qima lill-ġenituri tagħhom għax | | 'Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha' (Ġen 1,28). |
| 2. U berikhom Alla u qalilhom | | ma jkollokx Alla ieħor għajri. |
| 3. It-tieni kmandament huwa: Issemmix l-isem t'Alla | | biex bħal tagħti garanzija li dak li qiegħed tgħid inti huwa veru. |
| 4. L-ewwel kmandament huwa: jiena hu Alla sidek | | imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu, u beda jitlob b'ħerqa akbar. |
| 5. Waqt it-tentazzjoni li Ġesù kellu fil-ġnien taż-żebbuġ, deherlu anġlu mis-sema biex jagħmillu l-qalb | | li r-ruħ terġa' titwieled mill-ġdid f'forma ta' ħlejqa oħra, anki ta' annimal. |
| 6. Li tieħu ġurament ifisser li inti ssejjaħ lil Alla, li hu l-Verità nnifisha, | | dawn ħadmu id f'id ma' Alla biex ġabuhom fid-dinja. |
| 7. Fit-talba ta' San Franġisk nitolbu: fejn hemm il-mibegħda | | inneħħu xi preġudizzju. |
| 8. Biex nistgħu nikkomunikaw kif jixraq irridu | | ħallini nħeġġeġ l-imħabba. |
| 9. Bħar-reliġjon Nisranija, l-Islam jgħallem li Alla | | jippremja lit-tajbin u jikkastiga 'l-ħżiena wara din il-ħajja. |
| 10. L-Induiżmu u l-Buddiżmu jemmnu | | fil-batal. |

**IT-TIELET SEZZJONI:** **(20 marka)**

**Aqra s-silta ta' hawn taħt u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

'Waqt li tkunu ttentati, araw li ħadd ma jgħid: "Alla qiegħed iġarrabni," għax Alla ma jistax iġarrab għall-ħażin, u anqas m'hu se jġarrab lil ħadd. Għax kull bniedem imġarrab jinġibed u jitħajjar mill-passjoni tiegħu stess.'

(Ġakbu 1,13-14)

1. Liema huma t-tliet ħwejjeġ li minnhom jiġu t-tentazzjonijiet tagħna?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (6 marki)

2. San Ġakbu jgħid li "l-bniedem jitħajjar mill-passjoni tiegħu." Xi jfisser dan il-kliem?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4 marki)

3. Għaliex it-tentazzjoni m'hijiex dnub?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

4. Kif jistgħu l-ħbieb iwassluna biex nagħmlu l-ħażin?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (3 marki)

5. Kif jistgħu jgħinuna l-ħbieb tagħna biex nersqu iżjed lejn Alla?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (3 marki)

6. X'ifissru l-kliem li ngħidu fil-Missierna: "La daħħalniex fit-tiġrib"?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

**IR-RABA' SEZZJONI: (30 marka)**

**Agħżel WIEĦED minn dawn is-suġġetti ta' hawn taħt u ikteb madwar 100 kelma fuq karta separata**.

1. It-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù.
2. L-allat ta' żminijietna.
3. Il-ħbiberija bejn Lazzru u ħutu ma' Ġesù.
4. X'tgħid il-Bibbja dwar il-Ġenna.